**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A42/10

22 April 2010

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/42</u>**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar **il-Ħamis 29 t' April 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni dwar Sejħa għall-Offerti ta' *Road Resurfacing*
6. Diskussjoni u approvazzjoni għall-ħruġ ta' kwotazzjoni għar-*Rack* għas-*Server*
7. Affarijiet Oħra
8. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

27 ta' Mejju 2010

Ref Nru.Klg5/042

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/42 li saret il-Ħamis 29 t' April 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela u Anthony Grech flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d- D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol u l-Kunsillier Ian Micallef għax kien imsiefer.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-22 t' April 2010.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 29 t'April 2010, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**2. Materji Konnessi**

**2.1. Paġna Nru: 2 – para 2.3.**

Iċ-*Chairman* qal, li ma setax jikkordina laqgħat mad-ditti *TcTc* u *M.I.C.S.* kif ukoll, mal-*MIDI plc* u l-Għaqda Mużikali Mount Carmel, minħabba mpennji ta' xogħol. Madanakollu, fir-rispett ta' l-Għaqda Mużikali, l-laqgħa kienet ġiet appuntata għat-Tlieta 4 ta' Mejju 2010.

**2.2. Paġna Nru: 3 – para 2.5. – tħaffir ta' gandott fi Triq E. Girodano**

Rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi, ġie deċiż unanimament mill-Kunsill li jsir ftehim ma' Brother Domnic Rosso biex iċ-*Chairman* ikun jista' jagħmel *site inspection* fuq il-post jew xi Sibt, jew fis-7.15 a.m. qabel ma jmur għax-xogħol jew, filgħaxija wara s-6.00 p.m. u dan minħabba l-fatt, li wara l-aħħar *site inspection* li kienet saret, irriżulta li hemm *water seepage* iżda mhux ilma tax-xita u l-Viċi-Sindku qal, li ma jixtieqx li jiġri każ simili bħal ta' Triq Carlo Manche'.

**2.3. Paġna Nru: 5 – para 3.6.**

Il-Kunsillier Anthony Abela nforma li flimkien mal-kuntrattur kienu għamlu *site inspection* dwar it-talba li kienet saret minn resident fi Pjazza Kubrit biex isir *shade* għall-bozza li hemm fl-istess pjazza u talab lid-ditta J.F. Mallia Ltd biex jipproċedi bix-xogħol u dan skont id-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti.

**2.4. Paġna Nru: 5 para 3.7.**

Il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill ingħata plakka kommemorattiva b'ringrazzjament mill-Kulleġġ Santa Tereża, għall-attivita' *Sports/Fun Day* li saret fid-29 t'April 2010.

**2.5.** Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħa li kellu mas-Sur Karl Borg l-organizzatur tal-*World Cup Village* li ser isir fin-*Nicholl Ground – Manoel Island* bejn il-11 ta' Ġunju sal-Ħadd 11- ta' Lulju 2010. Hu kompla jgħid, li kien intlaħaq ftehim ma' l-Għaqdiet kollha konċernati tal-lokal, li ebda permess ma seta' jinħareġ sabiex jitpoġġew *kiosks* minn *Manoel Island bridge* 'l ġewwa, l-entratura ser tkun b'xejn, jitħallas biss ix-xorb u ser isir *coverage* għall-Kunsill Lokali.

**2.6.** Minħabba l-fatt, li ċ-*Chairman* ma setax jattendi l-laqgħa tar-Reġjun, kien attenda l-Viċi-Sindku.

Il-Viċi-Sindku qal, li kienet laqgħa ntroduttorja u ġew iffurmati diversi Kumitati u hu kien membru fil-Kumitat tal-Kummerċ.

Iċ-*Chairman* żied jgħid, li r-reġjun ser ikun responsabbli mill-kuntratti tad-dawl u l-*LES.*

**2.7.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li d-ditta *Green MT* kienet ġabret il-ftehim u s-Segretarju Eżekuttiv talbet biex il-Kunsill jikkunsidra li jsir *extra service* minn din id-ditta għall-ġbir ta' kartun mill-ħwienet. Saret referenza għas-Sejħa ta' l-Offerti għall-Ġbir ta' Skart Imħallat, fejn għall-kuntrarju ta' dak li nfurmaw id-ditta *WasteServ* m'għandhomx *records* separati skont *Annex 8 table B* u għalhekk din it-*table* ser tkun vojta b'eċċezzjoni ta' *item 01.*

**2.8.** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill, li kemm it-*tender* tal-*Contract Manager* għall-ambjent u dak ta' l-*Environment Landscapes Consortium – Soft Areas* kienu skadew filwaqt, li fir-rispett tas-servizz tad-dawl, dan ser jgħaddi taħt ir-responsabbilita' tar-Reġjun kif kien spejga ċ-*Chairman* aktar 'l fuq. Matul id-diskussjoni li saret, gie deċiż li għandu jinħatar kumitat biex jibda jiddiskuti dawn is-sejħiet għall-offerti.

**2.9.** Is-Segretarju Eżekuttiv tagħat rendikont tas-servizz li l-Kunsill Lokali kien qed jirċievi minn nies professjonali tiegħu u dan kienet qed tgħidu in vista tal-fatt, li jidher li dawn mhux qed jifhmu l-pressjoni li qed ikun hemm fuq il-Kunsill biex jintlaħqu d-*deadlines*, b'konsegwenza tal-fatt, li din l-attitudni tista' twassal biex jew il-Kunsill jeħel multi jew jintilfu fondi biex ikunu jistgħu jitwettqu proġetti fil-lokalita'. Dan kienet qed tgħidu b'referenza kemm għall-Perit kif ukoll, għall-*Accountant* tal-Kunsill.

Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li minkejja l-fatt, li l-Perit tal-Kunsill kien informa li d-dokumenti dwar il-kuntratt ta' l-*embellishment* tal-ġnien kienu ġew sottomessi fil-bidu ta' Frar 2010, dawn id-dokumenti ma nstabux fil-*file* tal-U.IF. Għaldaqstant, fis-26 t'April 2010, reġgħu ġew sottomessi d-dokumenti mill-ġdid madanakollu, l-fatt li qed jidher li l-Kunsill ma rrispettax id-*deadline*, jista' jwassal biex il-fondi ma jingħatawx.

Għall-mistoqsija tal-Viċi-Sindku jekk kienx hemm *acknowledgment* ta' meta d-dokumenti kienu ġew iddepożitati l-ewwel darba u dan kif kienet talbet s-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tiegħu stess, is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv għaliex hi kienet diġa' staqsiet għal din l-informazzjoni.

Hi kompliet tgħid, li anke fir-rispett tal-kuntratt l-ieħor dwar il-bankini, jista' jkun hemm konsegwenzi negattivi dwar jekk il-Kunsill Lokali jirċeviex il-fondi u dan minhabba l-fatt, li ma ġewx rispettati d-*deadlines* tal-kuntratt sa meta s-sejħa għall-offerti kellha tiġi ppubblikata. F'dan il-każ, il-Perit ġie mitlub jibgħat in-notifikazzjoni neċessarja fl-iqsar żmien possibbli kif ukoll, iħejji dokument li jispjega, li dan kien b'eżitu tal-fatt, li riedet tinbidel il-*B.O.Q.* attwali għaliex ġiet ommessa l-kurduna. Hi kompliet tgħid, li l-fattur preokkupanti kien, li meta nfurmat l-uffiċċju tal-Perit, ir-risposta tagħhom kienet biss, li minn din l-awtorita' tistenna kollox.

Kemm iċ-*Chairman* kif ukoll, il-Kunsillieri rrimarkaw li jeħtieġ li tinbidel din l-attitudni.

Filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv tenniet li n-nies professjonali jeħtieġu li jifhmu li hu obbligatorju li d-*deadlines* mposti fuq il-Kunsill jiġu rispettati, iċ-*Chairman* qal, li bażikament dan hu b'eżitu tal-fatt, li għall-kuntrarju ta' klijenti oħra li jkollhom dawn in-nies fejn jiġu mitluba x-xogħol u dan jiżdied mal-lista tax-xogħlijiet li jkollhom, il-Kunsill Lokali hu eżiġenti u dak mitlub jrid jingħata prijorita'. Din hi fl-opinjoni tiegħu, r-raġuni prinċipali l-għala qed jinħolqu dawn is-sitwazzjonijiet fejn in-nies professjonali qed isibuha diffiċli li jifhmu, li jekk il-Gvern Ċentrali jitlob xi ħaġa mill-Kunsill, dawn iridu jobduha. Din hi r-realta' li n-nies professjonali mhumiex orjentati f'dawn l-istrutturi. Dan kien qed jgħidu mhux b'akkuża iżda, biex forsi wieħed jifhem x'qed iwassal għal din l-attitudni. Hu żied jgħid, li l-argument tiegħu minn dejjem kien, li l-Kunsill għandu Awtoritajiet għola minnu u għalhekk, fuq kull persuna professjonali hemm Awtorita' u jekk hemm xi ħaġa ħażina, jkunu dawn l-Awtoritajiet li jiġbdu l-attenzjoni tal-Kunsill, għaliha.

Il-Kunsillier Anthony Abela rrimarka li dan ma kienx ġust għaliex il-Kunsill jieħu l-gwida tiegħu minn dawn in-nies u n-nuqqas minn naħa tagħhom jista' jkun ta' detriment għall-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li sfortunatament din l-istess attitudni ħarget fl-*audit*, fejn l-Awditur rrimarkat, li filwaqt li l-i*staff* tal-Kunsill kien preparat għall-*audit* tant, li d-dokumentazzjoni kollha neċessarja dwar *tendering procedures, quotations, direct orders, pagi, deposit slips,* eċċ. kienu mħejjija madanakollu, mhux l-istess jista' jingħad għal dak li kien jiddpendi mill-*accountant* tal-Kunsill.

Dan wassal, sabiex matul il-prekors ta' l-*audit* ħarġu numru ta' nuqqasijiet minn naħa ta' l-*accountant* tal-Kunsill. Hi kompliet tgħid, li dan setgħa kien b'eżitu tal-fatt li l-*Accountant*, kien ħassu urtat b'*e-mail* li hi bħala Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtitlu, kkupjata lis-Sindku, fejn saret enfasi li l-*financial statements* għandhom jiġu sottomessi sad-9 ta' Frar 2010, skont *memo* 78/2009 maħruġa mid-Dipartiment.

Hi ħasset, li kien fid-dmir tagħha li tagħmel il-pressjoni neċessarja mhux biss biex tiġi rispettata din il-*memo* iżda anke biex jiġi evitat li l-Kunsill jerġa' jeħel multa għall-*late submission* tal-*financial statements* kif ġara fis-sena finanzjarja preċedenti liema penali, għalkemm ma kienitx t'ammont kbir, kienet tirrifletti ħażin fuq il-Kunsill Lokali Gżira. Da parti tiegħu, l-*accountant* ha l-attitudni negattiva li l-iskop tas-Segretarju Eżekuttiv kien li tneħħieh mill-kariga tiegħu.

Is-Segretrju Eżekuttiv qalet, li meta fit-3 ta' Marzu 2010, l-*Accountant*, kien attenda għall-laqgħa tal-Kunsill, kien informa li kien fadallu jilesti madwar 30% tax-xoghol, liema percentagg sa din il-laqgha jidher li kien għadu pendenti. Hi kompliet tgħid, kif l-awditur nfumat, li meta rċevew t-*trial balance* li l-*accountant* kien bagħat direttament lilhom, ġie notat li hu kien

- biddel l-*accounting software* – is-Segretarju Eżekuttiv nfurmata li l-Kunsill Lokali ma kienx nfurmat b'din id-deċiżjoni li tmur kontra waħda mir-rekwiżiti ta' l-*expression of interest* li kienet, li jrid jintuża' *Sage Pastel* liema *software,* kien inxtara mill-Kunsill lill-*accountant* u fost affarijiet oħra, kienet ser tinħoloq problema meta jigi biex isir *back-up* għaliex is-*software* li ddeċieda li juża' l-*accountant* ma jaqbilx ma' dak li għandu nstallat il-Kunsill fattur, li anke l-Awdituri *Grant Thornton* huma nkwetati dwaru għaliex huma ser ikunu responsabbli mill-*audit* is-sena d-dieħla kif ukoll, l-Kunsill mhux ser ikollu kontinwita' tas-snin fuq dawk preċedenti.

- biddel iċ-*chart of accounts* minn dik maħruġa fil-proċeduri finanzjarji tal-Kunsilli Lokali

- il-*financial statements* mhumiex skont il-proċeduri finanzjarji

Dan wassal biex rega' kien hemm dewmien minn naħa ta' l-*accountant*, biex reġa' għaddha t-*trial balance* u anke din id-darba jidher, li *Grant Thornton* ma setgħux jikkonkludu x-xogħol tagħhom tant, li Sna Margaret Bonello Cole bagħtet *e-mail* lill-Kunsill, kkupjata lin-*N.A.O.*, bil-pendenzi li kien għadu ma' ndirizzax l-*accountant* liema *e-mai,l* ġiet moqrija waqt din il-laqgħa.

Hi kompliet tgħid, li kopja ta' din l-*e-mail* ntbagħtet għall-attenzjoni ta' l-*accountant*, li b'risposta għaliha hu wieġeb li kien diġa' nforma lil Sna Margaret Bonello Cole li kien ser jaħdem *'over the weekend'*.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Anthony Abela, l-għala *Grant Thornton* rraporta lill-*N.A.O.*, s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet, li l-fatt, li *Grant Thornton* żamm lill-*N.A.O.* infurmat, ma kienx b'nuqqas lejn il-Kunsill iżda, għaliex *Grant Thornton* ġie ngaġġat mill-istess *N.A.O.*

Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid ukoll, li l-*N.A.O.* kien jaf bix-xogħol li l-*accountant* kien ppreżenta lill-Kunsill waqt il-laqgha tat-3 Marzu 2010, għaliex il-Kunsill hu obbligat li jissottometti kopja tal-*financial statements* lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali u lill-*N.A.O.* u dan ta' l-aħħar kien diġa' nforma li dawn riedu jiġu emendati għall-liema risposta, l-*accountant* kien informa li kien ser jagħmel dak mitlub minnu sal-15 ta' Marzu 2010. Madanakollu, l-Kunsill ma kien irċieva xejn minn naħa ta' l-*accountant*.

Ġie rimarkat ukoll, li b'eżitu tal-fatt li l-*accountant* neħħa l-*bank statements* mill-*files* mingħajr ma nforma, dan wassal, biex l-Awditur għamlet *vetting* tax-xahar ta' Jannar 2010, anke jekk dan ma kienx jifforma parti mill-*audit* attwali. L-Awditur qalet, li bis-sistema attwali tal-*bank accounts* u l-*bank statements* rispettivi ta' l-*HSBC,* għenuha biex ġew vverifikati d-*deposits* tax-xahar ta' Jannar 2010. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat ukoll, li hi kienet ddiskutiet ma' l-Awditur, il-proposta ta' l-*accountant*, li jintagħlqu l-*bank accounts* u jitħalla wieħed biss. Skont l-opinjoni ta' l-Awditur, l-*bank accounts* tal-*BOV* setgħu jintagħlqu u jibqa' *account* wieħed fattur, li kien diġa' sar madanakollu, l-*bank accounts* ta' l-*HSBC* setgħu jibqgħu kif inhuma għaliex jagħmlu sens kemm għall-*accounts* kif ukoll, għall-qliegħ ta' nteressi kapitali tal-bank, ġenarati mis-*savings accounts*. Madanakollu, sta għall-Kunsill sabiex jieħu din id-deċiżjoni.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu kellu r-riżervi tiegħu dwar dan il-fatt, madanakollu, din setgħet tiġi trattata aktar tard.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonkludiet, billi qalet li filwaqt li ħasset li kellha tkompli taġġorna lil-Kunsil b'din is-sitwazzjoni madanakolu, dan id-dewmien kellu konsegwenzi oħra bħas-sottomissjoni tal-*budget* li apparti d-*deadline* oriġinali tal-15 ta' Frar 2010, l-Kunsill Lokali kellu mistoqsija parlamentari b'*deadline* sa l-14 ta' Mejju 2010 liema *deadline*, jekk ma jkunx rispettat, il-Kunsill jista' jkun suġġett għall-penali.

Iċ-*Chairman* qal, li hu u s-Segretarju Eżekuttiv, kienu tkellmu fit-tul dwar din is-sitwazzjoni u dan minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv hi l-Kap Finanzjarju u hu bħala s-Sindku hu responsabbli mill-finanzi, u s-suġġeriment tiegħu lis-Segretarju Eżekuttiv kien , li wieħed jistenna l-eżitu ta' l-*audit* ħalli jkun il-

Gvern li jigwida u jekk fl-eventwalita' joħorġu affarijiet li professjonalment mhux suppost, il-Kunsill jieħu l-azzjoni neċessarja. Din ma kinitx kwistjoni ta' passivita' imma kwistjoni li l-Kunsill jara l-eżitu ta' l-*audit* u sussegwentament jittieħdu d-deċiżjonijiet neċessarji.

Iċ-*Chairman* żied jgħid, li jekk hemm xi suġġerimenti oħra ta' kif l-Kunsill jista' jagixxi, dawn għandhom jiġu diskussi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li hi ma tixtieqx biss, li l-Kunsill jiġi mgħobbi b'kummenti jew decizjonijiet li tagħhom ma jkunx responsabbli kif ukoll spjegat, li ħadt mill-amministrazzjoni mhu dispost li jaħdem ma' dan l-*accountant* u dan għar-raġuni tal-mod li hu stess addotta li jaħdem bih.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Anthony Abela, dwar jekk hemmx xi gwida, l-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jkollu persuna fil-Kunsill biex jagħmel il-*postings*, la darba m'ghandux dan is-servizz.

Abazi tad-diskussjoni dwar kif kienu jinħadmu qabel l-*accounts*, s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet, li qabel l-*inputting* kien isir minn Fabian Borg, *Assistant Principle* tal-Kunsill Lokali, pero' s-sitwazzjonijiet mhux paragonabbli għal diversi raġunijiet prinċipalment ż-żieda qawwija fix-xogħol, fi żmien qasir kienet ser tonqos il-preżenza tagħha, u l-ex-*accountant* Mario Magro Conti kien jirrispetta d-*deadlines* kollha u kien ikun dejjem disponibbli waqt l-*audit* u għall-esiġenzi tal-Kunsill.

Matul id-diskussjoni li kienet għaddejja ġie spjegat, li hemm differenza bejn is-*sage pastel* u s-*sage line 50* liema *softwares* huma kompletament differenti kif ukoll, li għalkemm *Grant Thornton* ġew infurmati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li s-*sage line 50* huwa tajjeb mandanakollu, ħadt ma wieġeb il-mistoqsija tas-Segretarju Eżekuttiv, dwar min ta din ir-risposta u dan għaliex, kien l-istess Dipartiment li nforma lill-Kunsilli Lokali sabiex ibiddlu s-*sage line 50* u jaddottaw is-*Sage Pastel* sa mill-2005.

Mill-ġdid iċ-*Chairman* qal, li jkun opportun li l-Kunsill isegwi l-parir tiegħu u jistenna l-eżitu ta' l-*audit.*

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sad-29 t' April 2010 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Ġie deċiż li l-Viċi-Sindku għandu jattendi għas-seminar li ser isir għall-Kunsilli Lokali dwar is-servizzi u d-diversi proġetti ta' l-*E.T.C.* relatati mad-dinja tax-xogħol, fis-6 ta' Mejju 2010 fil-*Le Meridien Hotel & Spa* – San Ġiljan fil-4.45 p.m.

**3.4.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kif kien ġie nfurmat fil-bidu ta' din is-sena, l-Kunsill qed jagħmel l-almu kollu sabiex japplika għall-iskemi kollha mnedijja permezz ta' *Memos*. Hi kompliet tgħid, li minn dawk il-*memos* li ntbagħtu, uħud minnhom reġgħu ġew riviżjonati u minn fost dawk imwieġba, d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab li:

***Memo* 12/2010 – Għajnuna għat-taħwil ta' siġar**

Minħabba l-fatt, li d-domanda għas-siġar kienet qawwija, ġie deċiż li l-Gvern Ċentrali jħallas biss għall żewġ terzi mis-somma, għalhekk il-Kunsill hu mitlub japprova n-nefqa ta' €1,429.52

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li permezz tal-Kunsillier Anthony Abela, jiġi vverifikat jekk it-tip ta' siġar offruti humiex ta' l-istess razzez kif mitlub fir-risposta oriġinali tagħna u jekk ir-risposta tkun fl-affirmattiv, il-Kunsill jilqa' t-talba altrimenti, jinforma li mhux dispost li jħallas dan l-ammont.

***Memo* 15/2010 – fondi specjali (bi bżonnijiet speċjali)**

Minkejja l-fatt, li fil-*Memo* oriġinali ma kienx hemm speċifikat li jeħtieġ l-ammont mitlub madanakollu, l-Kunsill ġie mogħti *deadline* ta' jumejn u nofs sabiex jgħaddi l-ammont mitlub. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi kienet għamlet kuntatt mal-kuntrattur attwali tal-Kunsill Steve R. Farrugia, sabiex jissottometti stima għall-*power washing* fix-Xatt darba fil-gimgħa u *extra service* ta' knis fid-żoni msemmija fir-risposta oriġinali u cioe,' Pjazza Meme' Scicluna u toroq Belvedere, Coleridge, Flotta, Moroni, Edgar Bernard, Guze' Miceli u Maria Tereza Spinelli .

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qalet is-Segretarju Eżekuttiv.

***Memo* 51/2010 – *WiFi Access Points***

Minkejja l-fatt, li l-*Memo* oriġinali kienet miftuħa għad-deċiżjoni tal-Kunsill biex jagħżel hu l-aktar post approprijat għal dan is-servizz, il-Kunsill reġa' ġie mitlub jikkonsidra l-proposta tiegħu biex jagħżel il-pjazza ċentrali/prinċipali tal-lokalita.'

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li ninfurmaw li hu tal-fehma li jżomm ma' l-ewwel deċiżjoni iżda jekk din ma tiġix milqugħa, l-alternattiva tkun Pjazza Meme' Scicluna.

**3.5.** Il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' t-talba tal-*Waterfront Hotel* sabiex tiġi nstallata *'A' board* fuq il-bankina tan-naħa tal-baħar bil-kundizzjoni li:

- tintbagħat pjanta bil-miżuri meħtieġa
- trid tiġi nstallata bejn is-siġar u l-bankijiet
- jridu jimxu skont ir-regolamenti tal-*Bye Laws*

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport tal-Perit li għandna ninfurmaw lid-ditta *Bad Boy Cleaners* ta' Triq l-Istadju biex jagħmel ix-xogħol neċessarju sabiex il-kanna ta' l-ilma li jinżel minn fuq il-bejt, issir għal taħt il-bankina u mhux fuqa.

**3.7.** Il-Kunsill qabel unanimament li r-*reminder* ta' l-ittra mibgħuta mill-Perit Lara Demicoli sabiex jitneħħew iż-żewġ *un/loading bays,* waħda fejn il-*London Butcher* fi Triq Ponsonby u oħra ħdejn il-*Gżira Service Store* fi Triq ir-Rebħa minħabba li ma kienx hemm l-approvazzjoni meħtieġa mit-TM, għandha tintbagħat lil min hu konċernat sabiex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom u jekk dan ma jseħħx, jitneħħew.

**3.8.** Inqrat ittra mibgħuta mill-Għaqda Mużikali Mount Carmel – Gżira għal talba ta' għajnuna biex tiġi sponsorjata attivita' Lejla Gżirjana li ser issir it-Tnejn 28 ta' Ġunju 2010, fil-Ġnien tal-Gżira bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni qasira, fejn iċ-*Chairman* informa li kien ser ikollu laqgħa ma' din l-Għaqda t-Tlieta 4 ta' Mejju 2010 ġie deċiż, li għandu jinfurmahom li skont *Memo 65/2009* il-Kunsill ma setax jilqa' din it-talba madanakollu, in vista tal-fatt, li l-Kunsill kien qed jippjana li tiġi organizzata attivita' simili, stieden lil din l-Għaqda sabiex din l-attivita' tiġi organizzata bl-għajnuna tagħhom.

**3.9.** L-*E.T.C.* bagħtet tinforma li kien ġie assenjat ħaddiem ieħor (John Gauci) sabiex jibda l-ħidma tiegħu fl-Iskema Xogħol fil-Komunita' għas-sitt xhur li ġejjin iżda peress li dan kien qed jagħmel kors il-*Freeport Terminal* ta' *Port Worker,* dan ma setax jipparteċipa u għalhekk, ser tiġi referuta persuna oħra flok is-Sur Gauci.

**3.10.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-*Group Health Policy* ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, għall-membri tal-Kunsill Lokali u l-impjegati tal-Kunsill, għall-perjodu, 1 ta' Mejju 2010 sat-30 t'April 2011, terġa' tiġġedded.

**3.11.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kwotazzjoni ta' J.F. Mallia Ltd, ta' €502.68 dwar il-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, l-ammont għandu jkun rivedut minħabba l-fatt, li l-Kunsill kellu *in stock* sitt globi u għalhekkk, in-numri ta' globi minn tlettax (13) għandu jkun seba' (7).

**3.12.** Tressqet stima ta' spejjeż mid-ditta *M-Quip*. Matul id-diskussjoni li saret, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-ammont ta' l-*items* relatati mat-tiswija kien ser jaċċedi l-ammont ta' *direct order* u għalhekk, kellha tinħareġ kwotazzjoni.

**3.13.** B'eżitu ta' mistoqsija jekk il-Kunsill kienx applika għall-iskema ta' *Public Private Partnership*, is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affirmattiv u nfurmat li t-toroq msemmija kienu Stuart u Ponsonby.

**3.14.** Tressqet il-petizzjoni mis-sidien tan-negozji fi Triq ix-Xatt dwar l-installazzjoni tas-*CCTV camera*.

Iċ-*Chairman* qal, li dawk il-persuni li ffirmaw il-*petition* riedu li t-tabella tindika li s-*CCTV camera* qegħda għall-*U turn* biss u mhux għall-parkeġġ.

Matul idl-diskussjoni li saret, il-Kunsill qal, li din ma setgħetx issir minħabba l-fatt, li dawn it-tabelli huma *standar*

**3.15.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1729 sa Nru: 1778 (Ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li *Request Sheet* Nru: 1761 kellha tiġi kanċellata kif ukoll, talbet lill-Kunsill, jekk kienx jaqbel li Steve R. Farrugia u Emanuel Mifsud (kuntratturi tal-knis u l-ġbir ta' l-iskart) kellhomx jitħallsu għax-xogħol li kienu għamlu fis-17 t'April 2010, meta ġie l-Papa.

Hi kompliet tgħid, li minħabba l-fatt, li kienu għaddew sitt xhur mir-*retention money* ta' *Polidano Bros.* dwar l-*embellishment works* fil-Ġnien Kunsill ta' l-

Ewropa, kienet talbet lill-Perit tal-Kunsill sabiex jirrakkomanda jekk dan l-ammont jistax jitħallas. Hi kompliet tgħid, li verbalment il-Perit informa li l-ammont jista' jiġi rilaxxat b'*retention money* sakemm is-*safety carpet* ta' taħt l-i*slide* jkun konformi skont *EN 1177 standard* kif speċifikat fis-Sejħa għall-Offerti.

Hi ġibdet l-attenzjoni wkoll, li fil-bidu tas-sena meta tbidlet is-sistema ta' l-*FSS* mis-sena 2009 għas-sena 2010, it-taxxa tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-i*staff*, inħadmet bil-lira Maltija u għalhekk, l-ammont li tħallas kien aktar milli suppost u għalhekk, kien qed jintalab ir-rimborż filwaqt li l-Kunsill, kien diġa' kjarifika din is-sitwazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni għall-fatt, li l-ammont li l-Kunsill kien irċieva permezz ta' e-mail datata 18 ta' Novembru 2009 ta' €11,723.00 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kien inqabeż l-ammont tat-*tipping fees* u għalhekk id-differenza kienet qed titħallas mill-fondi tal-Kunsill.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1729 sa Nru. 1778 minbarra *Request Sheet* Nru: 1761 kif ukoll, li l-kuntratturi Steve R Farrugia u Emanuel Mifsud joħorġu *invoice* tax-xogħol li sar fis-17 t'April 2010, jitħallas l-ammont indikat mill-Perit lill-*Polidano Bros Ltd* pero' dan ta' l-aħħar irid iħallas il-ħlasijiet pendenti tat-*tower crane,* jingħata r-rimborż dovut lis-Segretarju Eżekuttiv u l-i*staff* u tintbagħat *e-mail* lid-Dipartiment hawn fuq imsemi, dwar it-*tipping fees*, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 5. Diskussjoni dwar Sejħa għall-Offerti ta' *Road Resurfacing*

**5.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi, l-Kunsill ġie nfurmat li din it-*tender* infetħet fis-27 t'April 2010 f'nofs in-nhar, u s-sottomettenti kienu ħamsa:

- *Schembri Infrastructure* *€57,798.50*
- *Road Servicing Ltd* *€47,662.80*
- *Philip Aguis & Sons* *€73,782.60*
- *Polidano Bros Ltd* *€52,962.45*
- *Bonnici Bros Ltd* *€54,286.20*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat fejn il-Viċi-Sindku jkun iċ-*Chairman* u l-Kunsillier Anthony Abela u Kunsillier elett f'isem il-Partit Nazzjonalista jkunu l-membri flimkien mal-Perit biex tiġi diskussa din it-*tender*.

## 6. Diskussjoni u approvazzjoni għall-ħruġ ta' kwotazzjoni għar-*Rack* għas-*Server*

**6.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jinħarġu kwotazzjonijiet għas-suġġett hawn fuq imsemmi.

## 7. Affarijiet Oħra

**7.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien ġie David Grasso u staqsa jekk kienux ser jerġgħu jsiru s-*Summer Music Nights* fix-Xatt u jekk fl-affermattiv, filwaqt li l-prezz jibqa' l-istess, kien qed jissuġġerixxi li tinbidel il-ġurnata jiġifieri jibdew isiru l-Ġimgħa flok l-Erbgħa u tindaqq siegħa ta' mużika leggera.

Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li f'dawn is-serati, jipparteċipaw tfal b'talent mill-Kunsilli Lokali kollha.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech, li s-*Summer Music Nights* jibdew isiru wara li tgħaddi l-festa titulari, bejn is-7.30 p.m. u l-11.00 p.m. bl-istess prezz jiġifieri €93.17 kull lejla, tindaqq siegħa ta' mużika leggera bejn it-8.30 p.m. u d-9.30 p.m. u jipparteċipaw tfal b'talent mill-Kunsilli Lokali kollha.

**7.2.** Il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li jerġgħu jsiru l-*bollards* li kien hemm fi Triq Nicola Cottoner k/ma' Triq San Albert.

**7.3.** B'eżitu tat-talba tas-Sinjura Alexandra Galea, l-għalliema tal-*Crafts* sabiex matul ix-xhur tas-Sajf ikunu jistgħu jipparteċipaw nies minn Marsascala għall-lezjonijiet li tagħmel fl-*Activities Centre,* ġie deċiż, li l-Kunsill kien jaqbel ma' din il-proposta sakem l-għalliema tibqa' bl-istess ħlas u jkun hemm benefiċċju finanzjarju għall-Kunsill. Għalhekk, is-Segretarju Eżekuttiv kellha tagħmel kuntatt magħha sabiex tinformaha b'din id-deċiżjoni.

**7.4.** Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li fl-opinjoni tiegħu l-*area* ta' fejn jilgħabu t-tfal iż-żgħar fil-Ġnien, għandha tkun imdawwra bir-*railings* tal-ħadid għal aktar sigurta'.

Il-Viċi-Sindku qal, li minħabba l-fatt, li ser tibda sseħħ l-iskema tal-qlugħ ta' l-*arials* mir-residenzi, l-Kunsill seta' juża dan il-ħadid.

**7.5.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-*Enemalta* ma kienitx wieġbet rigward il-globi fis-*central strip* ta' wara l-Ġnien u li s-Sur Natalino Attard ex Direttur fid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali kien bagħat jirringrazzja lill-Kunsill għall-ittra li ntbagħtet lilu ta' ringrazzjament ta' l-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem ta.

**7.6. Jum il-Gżira**

Rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech mal-programm kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| *10.05.10* | *Tnejn* | *Żjara - Gżira Home ta' l-Anzjani* |
| *11.05.10* | *Tlieta* | *Żjara – San Vincent de Paule* |
| *12.05.10* | *Erbgħa* | *Żjara – Casa Leone* |
| *13.05.10* | *Ħamis* | *Żjarat fil-lokalita'* |
| *14.05.10* | *Ġimgħa* | *Żjarat fil-lokalita'* |

Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li l-Ħadd 16 ta' Mejju 2010, nistiednu l-Banda tal-Pulizija sabiex tagħmel parata fix-Xatt u ppropona li fil-festa titulari jsir riċeviment fejn jiġu mistiedna l-Għaqdiet tal-lokalita' u s-Sindki tal-Kunsilli Lokali.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li ssuġġerixxa l-Viċi-Sindku u għalhekk għandna nikkuntattjaw lil min hu responsabbli biex din il-parata ssir u laqa' l-proposta tar-riċeviment.

**7.7.** Il-Kunsill qabel unanimament li l-propjetarju tas-sit 177 Triq ix-Xatt jibda jieħu ħsieb it-*troughs* ta' quddiemu.

**7.8.** Il-Kunsill qabel unanimament li kemm il-*Girl Guides* kif ukoll, l-i*Scouts* tal-lokalita', jħejju artiklu biex jiġi ppubblikat fil-ħarġa li jmiss ta' l-Impenn kif ukoll, li jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-*Activities Centre* biex isiru attivitajiet bil-kolaborazzjoni mal-Kunsill Lokali.

**7.9.** Il-Viċi-Sindku qal, li matul l-aħħar laqgħa li kellu (B'Kara) s-Sur Natalino Attard, ex Direttur tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali kien qal, li *boundary walls* mibnija qabel ma nħarġet l-emenda għall-avviż legali, huma soġġetti għall-ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li hi kienet kelmet lil-Avukat tal-Kunsill, Dott Woods fejn dan ta' l-aħħar kien informa li din l-informazzjoni trid ikun documentata uffiċjalment.

Il-Viċi-Sindku talab li ssir laqgħa mas-Sur David Borg, rappreżentant tas-*Savoy Gardens.*

**8. Laqgħa Oħra**

**8.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.<br>Sindku | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.<br>Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K163/119/10**

**27 May 2010 KLG5/43**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1779 | Ms Alexandra Galea – Crafts lessons invoice No: 07 – May 2010 | 375.00 | |
| 1780 | Mr. Joe Borg invoice No: 13 Duck food May 2010 | 46.59 | |
| 1781 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 28 Door to Door Collection May 2010 | 5,590.50 | |
| 1782 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 29 Hire of Skips May 2010 | 432.87 | |
| 1783 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 30 Public Convenience May 2010 | 836.06 | |
| 1784 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 31 Bulky Refuse April 2010 – 160 calls | 875.84 | |
| 1785 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 32 Extra Service 17.04.2010 Papal visit | 100.00 | |
| 1786 | A.V. Glass & Mirrors invoice No: 410 glass pane re library | 4.50 | 6530 |
| 1787 | S. Rausi Trading Ltd invoice Nos: 11119271 & 11120085 | 26.99 | 6582 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1788 | Mr. Alfred Baldacchino – Attivita' 11.05.2010 St. Vincent de Paule | 30.00 | 6574 |
| 1789 | Gżira Parish Church advert fil-magazine tal-Festa | 70.00 | 6575 |
| 1790 | Melita plc – invoice 28650670 from 01.05.2010 – 30.06.2010 | 23.30 | 6576 |
| 1791 | G4S Security Services invoice No: GS 000057 – 5 Trips April 2010 | 38.05 | |
| 1792 | The Toolbox invoice Nos: 9509 | 56.41 | |
| 1793 | Pace & Mercieca invoice No: 640322 6x2.5 ltrs Cuprinol Woodstain (benches) | 210.57 | |
| 1794 | Makaw Ironmongery invoice No: 16384 Woodstain Deep Mahagony (benches) | 189.99 | |
| 1795 | Borg Hardware Store invoice No: 846 | 21.25 | |
| 1796 | Squire Bookshop invoice No: 7323 newspapers April 2010 | 43.65 | |
| 1797 | C.S.D. Office Trade invoice No: 30460 & 30633 A4 photocopy paper | 67.02 | |
| 1798 | Environmental L/Scapes Cons. Inv. 006167 – April 2010 – Soft Areas | 2,212.92 | |
| 1799 | Union Print Ltd invoice No: A1002433 advert skart 07.04.2010 | 68.91 | |
| 1800 | Sound Vision Print Ltd invoice 12819 advert skart | 88.03 | |
| 1801 | Media Link Comm. Co. Ltd. Invoice 043476 – advert skart | 68.44 | |
| 1802 | Standard Publications Ltd invoice invoice No: 70276 – Advert Skart | 66.08 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1803** | **Polidano Bros Ltd. Invoice No: 081109 embellishment Ġnien** | **15,999.11** | **6537** |
| **1804** | **Koperativa Tabelli u Sinjali invoice No: 12947 job No: 8434 Traffic Signs** | **305.52** | |
| **1805** | **GO plc invoice No: 23663088 tel No: 322157 Calls April Rent May 2010** | **73.88** | **6552** |
| **1806** | **GO plc invoice No: 236652391 tel No: 341616 Calls April Rent May 2010** | **21.60** | **6553** |
| **1807** | **GO plc invoice No: 23662381 tel No: 334254/341034 calls April Rent May 2010** | **6.10** | **6554** |
| **1808** | **Seg. Permanenti – Advert Malta Indep Tender GLC001/2010 Resurfacing** | **50.00** | **6577** |
| **1809** | **Mr. Antoine Portelli invoice GLC 001 Additional Acc. Serv. 01.04.09/24.05.09** | **525.00** | **6578** |
| **1810** | **Mr. Antoine Portelli invoice GLC 002 Acc. Serv. 25.05.09/31.12.09 (7 mths)** | **1,837.50** | **6579** |
| **1811** | **J&K Contractors Ltd invoice No: 1111-10 Maria Tereza Spinelli** | **4,583.85** | **6580** |
| **1812** | **J. Bugeja & Associates r.f.p. No: 512 c/m fee re: M/Tereza Spinelli** | **216.36** | |
| **1813** | **Melita plc invoice No: 28590815 08.10.09/07.11.09 €113.53 + Hello serv. 08.04.10 – 07.05.2010** | **293.14** | **6581** |
| **1814** | **Melita plc invoice No: 28649198 March April & May 2010 Activities Centre** | **23.28** | **6583** |
| **1815** | **Melita plc invoice No: 28739835 Hello Service 08.05.10 – 07.06.2010** | **281.53** | **6584** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1816 | ARMS Ltd invoice No: 12151528 period 24.04.09/16.12.09 Activities Centre | 131.66 | 6585 |
| 1817 | J.F. Mallia Ltd invoice Nos: 384/386 Maint Xatt/Monumenti & U shape fi Triq D'Argens & U-shape + Single Fi Triq Victory | 628.87 | |
| 1818 | Ms Nathalie Camilleri – Librarian Services – May 2010 | 139.92 | |
| 1819 | Mr. Steve R. Farrugia Sweeping Services on Sunday – April 2010 | 378.52 | |
| 1820 | Steve R. Farrugia Street Sweeping G/Cutting + Mech Sweeper April 2010 | 4,631.56 | |
| 1821 | Mr. Steve R. Farrugia Extra Services 0n 17.04.10 Papal Visit | 100.00 | |
| 1822 | Alfa Co. Ltd Invoice Nos: 61961 & 61962 Rentals + Copies | 167.67 | |
| 1823 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 511 c/m fee J.& K re inv. Nos: 1100-09 & 1099-09/1098-09 | 332.90 | |
| 1824 | IBIS Group Ltd invoice No: 2466 1 server + 8 Cisco phones + cards | 4,139.44 | |
| 1825 | IBIS Group Ltd invoice No: 2469 accessories for above | 93.33 | |